**Laqgħa Numru 83**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Xewkija**

**IS-SEBA LEĠISLATURA**

**23 t'Ottubru 2018**

Il-Kunsill Lokali tax-Xewkija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2, Triq Torri Tingi, Xewkija, Għawdex. Il-laqgħa bdiet fl-4.00 ta' filgħaxija

---

PREŻENTI:

Paul Azzopardi - Sindku

Domenic Zerafa - Viċi Sindku

Hubert Saliba - Kunsillier

Jeanelle Attard -Kunsilliera

George Zammit -Kunsillier

ASSENTI B'APOLOĠIJI (skond Ordni Permanenti 14A (3):

n/a

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marion Attard - Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Paul Azzopardi ippresieda l-laqgħa.

**83.1 Qari ta' l-Ittri ta' apoloġiji;**

83.1.1 Ma kienx hemm ittri ta'apoloġiji mill-Kunsilliera.

**83.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;**

83.2.1 Il-minuti tal-laqgħa 82 li saret nhar il-Ħamis 20 ta' Settembru 2018 ġew approvati unanimament mill-Kunsilliera preżenti u iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv.

**83.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

83.3.1 Is-Sindku kkomunika li l-istedina f'Castelvenere għas-seminar fuq jumejn, l-20 u l-21 ta' Ottubru 2018 għal "La Vendemmai del'Uva con i Gemelli di Xewkija" kienet esperjenza sabiħa għas-Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsillier Hubert Saliba li kompliet tkabbar il-ħbiberija bejn iż-żewġ kunsilli. Castelvenere ġew onorati bħala Citta' Del'Vino flimkien ma' erba' kunsilli Taljani oħrajn. Wara dan il-premju hemm ċans li x-Xewkija tkun tista' tagħmel prodotti simili u anke jitpoġġew dawn il-prodotti fis-suq internazzjonali. Is-Sindku nfourma li għandhom jibdew għaddejjin il-preparamenti neċessarrji u anke aktar dettalji biex il-Kunsill tax-Xewkija jidħol f'dan il-proġett ambizzjuż.

83.3.2 Is-Sindku kkomunika li mar fuq il-Barmil mal- Perit Shawn Micallef fejn il-Kunsill qabel li jsir proġett ta' belvedere żgħir. Il-Perit indika li għandhom isiru l-ħitan tas-sejjieħ neċessarji. Il-Kunsillier Domenic Zerafa ssuġġerriexxa li l-aħjar jinqata' ħajt bid- dritt għaxar piedi minn mal-palm. Il-membri preżenti l-oħra qablu u ddiskuttew li għandu jsir bank.

*4.35pm Jeanelle Attard daħlet fil-kamra.*

83.3.3 Is-Sindku staqsa lis-Segretarju jekk kienx ħareġ it-tender tal-knis la n-nota ta' ċessjoni kienet saret mill-avukat ta' Nicholas Zammit. Is-Segretarju Eżekuttiv ikkonfermat li ċċekjajt mad-dipartiment u kkonfermwalha lit-tender seta' jiġi ppublikat. Is-Segretarju kkonfermat li d-*draft* tal-kuntratt kien intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti biex jiġi vvettjat.

8.3.3.4 Is-Sindku kkomunika li kien hemm bżonn li jinbena ħajt fit-Triq Ħorob li jammonta madwar €3,000 biex il-kuntrattur jkun jista' jagħti l-konkos. Is-Segretarju staqsiet il-għala din l-ispiża ma ddaħlitx fil-BOQ meta huwa ammont sostanzjarju. Hi stqarret li kienet ħa tkellem lill-Perit ikkonċernat qabel mal-Kunsill jidħol f'din l-ispiża.. Is-

segretarju ġibdet l-attenzjoni li kienet intbagħtet stima għas-s*etting-out* għal Triq Il-Knisja. Hi kkonfermat li din l-ispiża kellhu jieħu ħsiebha l-kuntrattur kif stipulat fit-tender.

83.3.5 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu nota li ż-żerżieqa f'Tal-Barmil trid tissewwa minnufih peress li hi ta' periklu. Is-Segretarja ħadet nota ta' dan.

83.3.6 Is-Sindku kkomunika li d-data tal-*Clean Up Day* mill-iskola b'kollaborazzjoni tal-Kunsill kellha tkun fit-22 ta' Novembry 2018. L-istudenti tal-Kinder 1 u Kinder 2 kellhom inaddfu Ġnien Il-Ħaddiem, mill-Year 1 sa Year 3 kellhom inaddfu madwar l-iskola waqt li tal-Year 5 u Year 6 kellhom jnaddfu fejn Ġnien tal-Blankas . Il-Kunsill kellhu jipprovdi boroż, ingwanti, packed lunch, kif ukoll T-shirts lill-istudenti.

**83.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

83.4.1 Il-Kunsillier Hubert Saliba talab biex is-sinjal li t-triq tagħlaq fi Triq San Pawl tinbidel minnufih. Talab ukoll li tittranġa t-tabella tal-*One Way* ukoll.

83.4.2 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talab biex isir talba biex iz-*zebra crossing* fi Triq Il-Mitħna titħarrek peress li min ikun ġej min-naħa ta' fuq ma jkunx jista' jara. Il-membri preżenti qablu li kellha tintbagħat it-talba lil Transport Malta.

83.4.3 Il-Kunsillier Domenic Zerafa ġided l-attenzjoni biex isir patching fit-toroq hekk kif wara x-xita kien hemm bżonn li jsir ftit patching.

83.4.4 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard talbet biex tinbidel it-tabella ta' "*No Entry għall-Heavy Vehicles*" fi Triq L-Indipendenza. Il-Kunsillier Domenic Zerafa sostna li t-tabella għandha tkun bi trakk maqtugħ b'sinjal. Is-Segratarju ħadet nota biex tkellem lil min ipprintjahom.

83.4.5 Il-Kunsilliera Jeanelle Attard pproponiet li jinġabru l-kwotazzjonijiet għall-screen jinżel bir-roller għall-kamra tal-Exihibition Hall. Is-Segretarju ħadet nota ta' dan. Is-Sindku ssuġġerriexxa li kwotazzjonijiet għandhom jinġabru għall-screen u projector għall-Boardroom.

**83.5 Jum Ix-Xewkija 2018- Football Tournament u Preparamenti Oħra**

83.5.1 Il-membri tal-Kunsill reġgħu ddiskutew iċ-ċerminonja fejn ser jingħataw ir-rigali edukattivi lit-tfal tal-iskola primarja. Il-membri qablu li għandha tiġi mistiedna l-Ministru t'Għawdex, l-Onor Dr Justyne Caruana biex anke tinawgurha l-*Istory Telling Room* fil-librerija u anke l-Arċipriet Daniel Xerri biex iberikha.

83.5.2 Is-Segretarju kkonfermat li l-ittri għan-nominazzjonijiet kemm ta' Ħidmet iż-Żgħażagħ u Ġieh Ix-Xewkija ġew mibgħuta lil għaqdiet kollha tar-raħal u kellhu ukoll joħroġ avviż fuq il-bullettin.

83.5.3 Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment tas-Sindku li fis-serata ta' Jum Ix-Xewkija kellhu jittella' filmat fuq ix-xogħlijiet li saru mill-Kunsill ġox-Xewkija. Kien hemm qbil unanimu li dan il-filmat għandu jiġi preparat minn Luke Galea li kellhu ukoll jippreżenta s-serata.

83.5.4 Il-membri tal-Kunsill qablu li kellna niċċekjaw ma' Mario Borg biex naraw jekk għandux il-pjaċir li jinqraw żewġ poeżiji minn tiegħu fis-serata.

83.5.5 Il-membri qablu li kellhom jingħataw rikonoxximent kellhom jingħata rikonoxximenti lil Dun George Mercieca, l-Arċipriet Mons Trevor Sultana, Dun Joseph Hili, Mario Attard, Mario Xerri, Frankline Zammit Galea u Josmar Vella. Barra minnhekk kellhom jiġu rrikonoxxuti dawk l-istudenti li gradwa mill-Universita' ta' Malta s-sena li għaddiet u dawk li servew fil-Kunsill tul dawn l-aħħar 25 sena.

83.5.6 Rigward il-Football Tournament is-Sur Josmar Vella daħal fil-kamra flimkien mal-coach William Ganet fejn spjega li din is-sena kien hemm il-ħsieb li dan it-*tournament* isir ftit differenti hekk kif kellhom jinġiebu timijiet Maltin biex dejjem jippruvaw jogħli l-livell. Dan it-*tournament* kellhu ukoll jinqasam fuq tlett ijiem, is-17, 24 u 25 ta' Novembru 2018

*6.40pm George Zammit daħal fil-kamra.*

**83.6 Offerta għas-Sejħa għar-Road Signs**

83.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ikomunikat li s-sejħa għall-offerti kienet se terġa' toħroġ peress li l-unika offerta li ġiet sottomessa kienet *overbudget.*

83.6.2 Il-membri tal-Kunsill ħatru l-Bord tal-Evalwazzjoni għat-tender tal-Perit tal-Kunsill.

**83.7 Playing Field tal-Ħamrija**

83.7.1 Il-perit Edward Scerri daħal fil-kamra u ppreżenta l-pjanta tal-Playing Field tal-Ħamrija. Hu spjega lil membri tal-Kunsill x'kellhu f'moħħu. Il-pjanta ntlaqgħet tajjeb ħafna mill-membri tal-Kunsill. Il-Kunsillier Hubert Saliba saqsa jekk kienx hemm maħsub ġibja sabiex setgħu jissaqqew is-siġar u pjanti fl-istess ġnien. Il-Perit kellhu jiċċekja għax ma kienx ċert jekk kienx hemm diġa' ġibja taħt il-latrina fl-istess ġnien.

83.7.3 Il-Perit stqarr li jaħseb li l-istima tax-xogħol kienet se tkun madwar €120,000. Il-membri qablu li dan il-proġett kellhu jkun iffinanzjat taħt id-DPF.

**83.8 Korrispondenza u Materji Oħra**

83.8.1 Ċirkulari AKL 2018/117 – CSR Day ġewwa Dar Papa Franġisku Birkirkara 10/11/2018. Attivita' fl-għeluq tal-25 Sena ta' Gvern Lokali fejn l-Assoċjazzjoni qed tikkolabora ma' Caritas Malta. Il-membri tal-Kunsill innutaw il-kontenut.

83.8.2 Imejl mingħand is-Sur Rueben Said mit-Transport Malta dwar One Metre Yellow Line fi Triq Dar ir-Rumana, mal-garage tad-dar Ta' Cetta Court, fejn intalab il-kunsens mill-Kunsill Lokali biex ikun jista jimxi l-proċess. Il-membri ma sabux oġezzjoni.

83.8.3 Imejl mingħand il-Kap tal-Iskola Primarja Xewkija fejn talbet l-għajnuna tal-Kunsill Lokali dwar Proġett tal-Eko Skola fejn ser jiddisinjaw basktijiet taċ-ċarruta minn materjal riċeklat biex jitqassmu lil kull familja fix-Xewkija. Il-Kap talbet il-kollaborazzjoni tal-Kunsill kemm għall-istampar. Talbet ukoll li jingħataw tokens bħal lapsijiet biex jingħataw ma kull numru ta' stickers. Il-membri tal-Kunsill qablu li l-Kunsill għandu jikkolaborra f'dan il-proġett.

83.8.4 Ċirkulari AKL 2018/121 – Attivita oħra li l-Assoċjazzjoni ser tagħmel f'għeluq il-25 Sena Gvern Lokali, hija t-tħawwil ta l-fuq minn 70 siġra ġewwa l-Family Park f'Marsascala. L-Assoċjazzjoni bgħatet invit lir-rappreżentanti ta' kull Kunsill biex ikunu preżenti għal din l-attivita, li ser ssir fil-15 ta' Novembru. Il-memrbu nnutaw il-kontenut u stqarru li minħabba impenji oħrajn ħadd ma seta' jattendi.

83.8.5 Imejl mingħand Refab Light Blue Partnership dwar ġbir ta' ħwejjeġ biex jiġu riċiklati. Huma qed jitolbu biex fil-lokalita tax-Xewkija jkun hawn Clothes Banks biex jinġabru l-ħwejjeġ użati. Il-membri nnutaw il-kontenut.

83.8.6 Ċirkulari AKL 2018/118 – Attivita oħra mill-Assoċjazzjoni hija il-Clean Up ġewwa l-Foss ta' Ħaż-Żabbar li ser tittella nhar is-Sibt 1 ta' Diċembru.

83.8.7 Imejl mingħand is-Sa Mary Mercieca mill-Wasteserv fejn ġibdet l-attenzjoni li mill-31 t'Ottubru 2018 ser jibda jinġabar l-iskart organiku fil-lokalitajiet kollha ta' Malta u Għawdex. Wasteserv talbet il-Kunsill issemmi lista ta' 5 toroq mil-lokalita' fejn ir-residenti ma jimxux mas-sistemu tal-ġbir tal-iskart.

83.8.8 Imejl mingħand Joseph Attard, is-segretarju tax-Xewkija Tigers fejn qed jipproponi li ssir sistema ġdida ta' dwal fil-ground tax-Xewkija peress lihemm bżonn ta' tibdil

mill-ġdid tas-sistema tad-dwal. Xewkija Tigers FC qed jitolbu l-assistenza tal-Kunsill. Il-Kunsillier George Zammit kellhu jmur jiċċekja s-sistema preżenti.

83.8.9 Ċirkulari AKL 2018/124 – L-assoċjazzjoni tħeġġeġ lill-Kunsilli Lokali biex nhar l-20 ta' Novembru jipparteċipaw f'attivitajiet fil-Jum Dinji tat-tfal.

83.8.10 Imejl mingħand Joseph Cassar dwar l-Award lil dak il-Kunsill Lokali li jkun ta l-akbar kontribut lil-isport Malti matul l-2018. Il-Kunsilli li jixtiequ jipparteċipaw għal-MOC Local Council Sports Award għandu jibgħat ittra dettaljata li fiha jgħid x'attivita sportiva għamel matul din is-sena biex jgħin lill-isport Malti jikber.

83.8.11 Imejl mingħand George Refalo fejn talab għall-attenzjoni tas-Sindki, il-Kunsilliera u l-Għaqdiet kollha fil-lokalita, email li intbgħatet min Victoria Martha Pace fejn infurmat li bejn l-24 u s-26 t'Ottubru il-Fondazzjoni Valletta 2018 ser ittella' il-Konferenza Annwali tagħha, Sharing the Legacy.

83.8.12 Imejl mingħand l-ERA dwar il-proposta li jinbnew mill-ġdid il-ħitan fi Triq il-Loġġa. L-ERA qalet li skond ir-ritratti li ntbagħtu, jidher li l-ħitan għadhom fi stat tajjeb u m'għandhom bżonn ta' lebda restawr jew rikostruzzjoni. L-ERA m'aċċettatx r-rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ. Is-Sindku kkomunika li l-Perit kellhu jibgħat ritratti mill-ġdid tal-ħajt li kellhu jittranġa.

83.8.13Imejl mir-Reġjun Għawdex fejn intbagħtet kopja tal-Invit b'rabta maċ-Ċelebrazzjonijiet ta' Jum Għawdex 2018. L-inviti intbgħatu bil-posta.

83.8.14Talba mill-Kap tal-Iskola biex il-Kunsill jikkoloborra fil-Fun Day li ssir qrib ġil-Milied bħas-snin preċedenti.Is-Segretarju Eżekuttiv kkomunikat li wara li pjanat il-leave tagħha kien ħa jibqala' bilanċ ta' 90-il siegħa Vacation Leave għas-sena 2019.

83.8.15 Il-Kunsill qable b'mod unanimu li dawn għandhom jiġu akkumulati għas-sena 2019 peress li x-xogħol ma kienx jippermetti mod ieħor. Fix-xhur ta' Novembru u Diċembru hemm numru t'attivatijiet, deadlines u commitments li ma jippermettux li jittieħed leave. Is-segretarju nfurmat li kien beħsiebha li tieħu xi leave f'Diċembru.

83.8.16 Talba mis-Sinjura Doreen Axiaq biex tinbidlilha l-banking fi Triq San Zakkarija kantuniera ma Triq San Pawl għax tkissret kollha mill-karrozzi. Il-Kunsillier Hubert Saliba kellhu jiċċekja l-istat tal-bankina.

83.8.17 Talba minn Noel Azzopardi biex titwessa l-bankina tiegħu għax qed jgħid li dejqa ħafna u jixtiequ li jsir double lines yellow fi Triq Mikelanġ Sapiano. Il-membri tal-Kunsill qablu ma' dan.

83.8.18 Talba mis-Sur Frank Tabone biex isir bozza fi Triq Gidi peress li t-triq mudlama. Il-membri tal-Kunsill unanimament qablu li din għandha ssir.

83.8.19 Talba minn Monica Mercieca, il-librara, biex jinxtraw kotba bil-Malti li ħarġu din l-aħħar sena. Is-Sindku, Viċi-Sindku u l-Kunsillera George Zammit u Hubert Saliba qablu ma' dan waqt li l-Kunsilliera Jeanelle Attard opponniet għal fatt li din is-sena kienet sare spiża fuq l-*Air Condition* fil-librerija u ssostniet li l-Kunsill kien investa ħafna fil-kotba sena wara l-oħra.

83.8.20 Ilment minn residenti fi Triq Santa Teodora li qed tgħid li kemm ilha li saret it-triq għandha problema bl-ilma. Il-membri ddiskuttew li l-problema kienet ħafna ikbar qabel ma saret it-triq.

## 83.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

83.9.1 Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 83.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

83.11.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.20pm. Il-Kunsilliera qablu unanimament li s-seduta li jmiss tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru fl-4.00pm.

Konfermati, illum **26 ta' Novembru 2018**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| Paul Azzopardi | Marion Attard |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |